MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-30 ta' April, 2014

Citazzjoni Numru. 260/2011

**Alexandra *sive* Sandra D'Amato u Pauline Micallef**

**-vs-**

**Mario Abdilla**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi, ppreżentat fl-14 ta' Marzu 2011, li permezz tiegħu ġie premess:

Illi l-kontendenti huma l-uniċi wlied u eredi universali *ab intestate* tad-defunti ġenituri tagħhom Carmel u Mary Carmela konjuġi Abdilla, li mietu fid-9 ta' Settembru 1989 u fit-13 ta' Mejju 2007 rispettivament – ċertifikati tal-mewt annessi u mmarkati bħala Dokument CM1 u Dokument CM2. Illi qed jiġu annessi r-riċerki testamentarji taż-żewġ defunti li juru li huma mietu intestati – Dokumenti CM3, CM4, CM5 u CM6.

Illi l-eredita' tad-defunti Carmel u Mary Carmela konjuġi Abdilla għadha indiviża u *nonostante* d-diversi tentattivi tar-rikorrenti sabiex jintlaħaq ftehim mal-intimat dwar il-qasma tal-imsemmija eredita', huwa baqa' inadempjenti, u r-rikorrenti ma jridux jibqgħu aktar in komunjoni mal-intimat u jridu li l-ġid formanti l-eredita' tal-imsemmija Carmel u Mary Carmela konjuġi Abdilla jiġi diviż skont il-liġi.

Illi l-intimat ġie nterpellat diversi drabi biex jersaq għall-qasma tal-eredita' ta' Carmel u Mary Carmela konjuġi Abdilla iżda baqa' inadempjenti, u għalhekk kellha ssir din il-kawża.

Jgħid għalhekk l-intimat għar-raġunijiet premessi għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara illi l-kontendenti huma l-uniċi eredi ta' Carmel u Mary Carmela konjuġi Abdilla.

2. Tillikwida l-assi konjugali u assi oħrajn ta' Carmel u Mary Carmela miżżewġin Abdilla.

3. Tiddividi f'żewġ porzjonijiet il-komunjoni tal-akkwisti ġja' eżistenti bejn Carmel u Mary Carmela Abdilla u assi oħrajn kif likwidati.

4. Tassenja l-beni hekk stabbiliti u likwidati lill-assi partikolari ta' Carmel Abdilla u jiġi ddikjarat li l-assi partikolari ta' Carmel Abdilla jikkonsistu fil-beni hekk assenjati, u tassenja l-bqija tal-beni hekk stabbiliti u likwidati lill-assi partikolari ta' Mary Carmela Abdilla, u jiġi ddikjarat li l-assi partikolari ta' Maria Mallia jikkonsistu fil-beni hekk assenjati.

5. Tiddividi l-ġid formandi l-wirt ta' Carmel Abdilla bejn il-kontendenti skont il-kwota li kull wieħed mill-partijiet jiġi ddikjarat li għandu dritt għaliha.

6. Tinnomina, jekk ikun hemm bżonn, perit tekniku għall-finijiet ta' likwidazzjoni u tħejjija ta' pjan ta' diviżjoni dwar dak li hu komodament diviżibbli, jekk ikun il-każ.

7. Tinnomina nutar sabiex jirċievi u jippubblika l-att opportun u kuratur għall-eventwali kontumaċi.

8. Tordna l-bejgħ b'liċitazzjoni ta' dak kolli li mhuwiex komodament diviżibbli, bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji.

Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-15 t'Ottubru 2010 kontra l-intimat li hu nġunt għas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, ippreżentata fl-20 ta' Frar 2013 fejn ġie eċċepit:

Illi l-eċċipjenti ma jopponix għall-likwidazzjoni tal-assi ta' Carmel u Mary konjuġi Abdilla, b'dan illi d-diviżjoni għandha ssir bla ħsara għall-interessi tal-kondividendi kollha;

Illi fit-tieni lok, l-eċċipjenti jirileva li huwa dejjem wera ruħu propens li ssir il-qasma mitluba u qatt m'oġġezzjona biex din isseħħ. Dan il-ftehim ma

ntlaħħaqx biss minħabba l-intransiġenza tal-atturi, u dan kif ser jintwera waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża. Għalhekk, huwa m'għandux ibati spejjeż ta' dawn il-proċeduri;

Illi in konnessjoni mat-tieni talba, għal kull *buon fini*, l-eċċipjenti qiegħed jirreġistra l-oppożizzjoni tiegħu għat-tmien (8) talba tal-atturi, *stante* illi fil-mori tal-kawża, preċedentement għall-intavolar ta' din ir-risposta maħlufa, kien intlaħaq ftehim fuq il-bejgħ tal-propjreta' 'Ave Maria', Triq il-Kuċċard, Safi. Għalhekk, l-imsemmija talba saret biss sforz l-intransiġenza tal-atturi u l-pika li nħolqot bejn il-kontendenti.

Salvi eċċezzjonijiet oħra.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku l-A.I.C. Jesmond Mugliett, u l-atti l-oħra proċesswali;

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Jannar 2014 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat:

Illi din hija kawża għall-qsim ta' proprjeta li l-kontendenti wirtu mingħand il-ġenituri tagħhom illi mietu intestati, kif jidher mid-dokumenti esebiti, u allura l-partijiet wirtu ndaqs (terz kull wieħed u waħda). Il-partijiet qablu dwar il-kwoti w anke li l-fond formanti parti mill-wirt mhux komodament diviżibbli (fol 39).

Illi l-proprjeta' in komuni, u ċioe' l-fond *Ave Maria*, Triq il-Kuċċard, Ħal Safi ġie stmat mill-perit tekniku (folio 78) li jiswa mija u disgħin elf Ewro (€190,000).

Jirriżulta wkoll depożitu bankarju (a folio 66 *et sequitur*) illi għandu naturalment ukoll jinqasam f'ishma ndaqs bejn il-partijiet. Id-dettalji ta' dan jinsabu tal-proċess.

Illi skont l-attriċi hemm ukoll oġġetti tad-deheb li jinsabu f'*safe deposit box* fid-dar in kwistjoni, li aċċess għaliha għandu biss il-konvenut. Peress li dan ma pparteċipa kważi xejn fil-kawża, ma saritx stima tagħhom. Il-Qorti se tordna li dawn jinqasmu fi tlett kwoti ndaqs u tħalli impreġudikati pretensjonijiet u drittijiet fir-rigward.

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tal-atturi b'dan li:**

**1. Tillikwida l-assi tal-mejtin konjuġi Abdilla, li jikkonsistu fil-fond 'Ave Maria', Triq il-Kuċċard, Ħal Safi u d-depożitu bankarju bin-numru 17904421024 mal-Bank of Valletta p.l.c. fil-branka taz-Zurrieq;**

**2. Tordna li l-kont bankarju msemmi jinqasam bejn il-kontendenti billi kull parti tieħu terz ($^1/_3$) minnu;**

**3. Tordna li l-fond imsemmi billi mhux komodament diviżibbli, jinbiegħ a bażi tal-prezz ta' mija u disgħin elf Ewro (€190,000) u r-rikavat jinqasam bejn il-partijiet billi jieħdu wkoll terz ($^1/_3$) kull wieħed u waħda; il-bejgħ isir bl-ammissjoni ta' oblaturi estranji;**

**4. Tiddikjara li l-partijiet huma kopropjetarji ta' terz ($^1/_3$) ukoll tal-oġġetti preżentament fis-*safe deposit box* imsemmija;**

**L-ispejjeż tal-kawża u tal-proċeduri msemmija għandhom jitħallsu mill-partijiet indaqs [terz ($^1/_3$) kull wieħed u waħda] bejniethom.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------